**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 29 ta' Mejju, 2001

**Numru 3**

**Avviz. numru 157/01JR**

**Dr. Tanya Sammut ghan-nom u in rappresentanza ta' Forestals (Appliances) Ltd.**

**vs**

**Francis Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-1 ta' Marzu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72.00), premess illi l-konvenut xtara xi merkanzija minghand is-socjeta` attrici u beda jaghmel xi pagamenti akkont, pero` sal-lum ghad fadal jhallas il-bilanc imsemmi ta' tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72.00);**

**Illi nonostante li interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa' nadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;**

**Ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut b'effett mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz sal-pagament effettiv.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Tanya Sammut ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tnejn u sebghin lira Maltija (Lm72.00), bl-imghax legali mit-23 t'April, 2001 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**